MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1724/2005

**Stone Records Limited**

**vs**

**Raymond Mangion**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Settembru 2005 li permezz tieghu s-socjeta attrici, wara li ppremettiet li kriet lill-konvenut *projector* bil-prezz ta' mitejn lira Maltija (Lm200) li minnhom il-konvenut hallas akkont is-somma ta' mitt lira maltija (Lm100), talbet il-hlas tal-bilanc fis-somma ta' mitt lira Maltija (Lm100), b'l-imghaxx u b'l-ispejjez.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta attrici waqt is-seduta tat-12 ta' Ottubru 2005 li permezz taghha rriduciet it-talba taghha b'tlettin lira Maltija (Lm30).

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta’ l-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie notifikat b’l-avviz f’l-24 ta’ Settembru 2005, naqas li jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ridotta ta’ sebghin lira maltija (Lm70.00) b’l-imghaxx u l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------